MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Mandat Numru. 653/2013/1

**Il-Perit Arkitett Carmel Zammit u martu Valerie Zammit**

**vs**

**John Grech u martu Dorothy Grech;**
**Stephen Vella;**
**Il-Perit Mannie Galea**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Perit Arkitett Carmel Zammit u martu Valerie Zammit li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbu lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jibdew u jesegwixxu kwalsiasi xoghol ta’ kostruzzjoni, inkluz demolizzjoni, hatt ta’ bini/hitan u strutturi, thammil, skavar u tqattigh fis-sit mhux zviluppata li jinsab fi Triq Reggie Miller, Gzira, li jmiss mill-Grigal ma’ proprjeta’ tar-rikorrenti li tinsab numru 83 u 85, Triq Reggie Miller, Gzira.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Mejju 2013.

Rat ir-risposta tal-intimati John Grech, Dorothy Grech, Stephen Vella u l-Perit Mannie Galea li, ghar-ragunijiet fiha mfissra, sostnew li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Il-Qorti kkunsidrat illi talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ssir a tenur tal-Art. 873 li testwalment jipprovdi illi:

"*873. (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jithassru l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*"

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Mugliette vs Bonnici" (deciza fil-25 ta' Jannar 2005):

"*Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet.*

*Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh il-procedura li hija mahsuba biex*

*titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd;*

*Illi minn dan johrog li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali u mhux normali ta' provediment legali. Il-harsien li l-ligi tammira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem, jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu filwaqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat.*"

Jirrizulta lill-Qorti illi x-xoghlijiet proposti gew ordnati minn din il-Qorti diversament presjeduta f'sentenza moghtija fid-9 ta' Novembru 2011, li ordnat li ghandhom isiru xoghlijiet b'ghazla tal-attur f'dik il-kawza skont kif suggerit mill-perit tekniku inkarigat mill-Qorti f'dik il-kawza. Inoltre, jirrizulta wkoll illi, skont il-precitata sentenza, ix-xoghlijiet qeghdin isiru taht is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri li l-Qorti kellha okkazzjoni tisimghu waqt l-udjenza ghas-smigh tar-rikors.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti ghalhekk tqis li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jissodisfaw il-vot tal-ligi fir-rigward.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-2 ta' Mejju 2013 u tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-istess data.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------